

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1507**tad-9 ta' Settembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, l-entrati għal erba' persuni li kontribom l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi skadiet fis-6 ta' Settembru 2022, u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-difiża tagħhom u d-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jenħtieġ li jitħassru mill-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/119/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2023.";
- (2) l-Anness huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SÍKELA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima A ("Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1"), jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

1. Viktor Fedorovych Yanukovych;
3. Viktor Pavlovych Pshonka;
7. Oleksandr Viktorovych Yanukovych;
9. Artem Viktorovych Pshonka.;

(2) fit-taqsima B ("Drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva"), titħassar l-informazzjoni fir-rigward tal-persuni li ġejjin:

1. Viktor Fedorovych Yanukovych;
 3. Viktor Pavlovych Pshonka;
 7. Oleksandr Viktorovych Yanukovych;
 9. Artem Viktorovych Pshonka.
-